# Minuti tal-Erbgħa u Għoxrin (24) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur Laqgħa b'Urġenza Nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru, 2013 fis-6:30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet bit-talba.

2. **Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali.** Permess ta' Memo 26 il-Kunsill ġie nnotifikat li għandu jintgħażel żagħżugħ ta' bejn 16 u 18 il-sena biex ikun l-ambaxxatur jew l-ambaxxatriċi biex iwasslu l-vuċi taż-żagħżagħ fil-lokalita' tagħhom. Dan irid isir qabel il-Gimgħa 8 ta' Novembru. Għalhekk issejħet din il-laqgħa b'urġenza. Il-Kunsill għamel avviż fuq il-website tal-Kunsill kif ukoll fuq il page tiegħu fuq il-facebook għal dan il-għan. Ġie avżat ukoll il-Kunsill taż-żagħżagħ tan-Nadur. Kien hemm applikazzjoni waħda ta' Nicholas Haber. Il-Kunsilliera approvaw il-ħatra ta' Nicholas Haber bħala l-ambaxxatur taż-żgħażagħ għan-Nadur unanimament.

   Nicholas Haber flimkien mas-Sindku jew rappreżentant tal-Kunsill għandu jattendi press conference nhar is-Sibt 9 ta Novembru il-belt Valletta f'nofsinhar.

3. **Bżonnijiet Soċjali.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jindika il-bżonnijiet soċjali fil-lokalita'. Din kienet formula li riedet timtela' u tintbagħat lura sa nhar il-Gimgħa 8 ta' Novembru. Il-Kunsilliera indikaw dawn il-bżonnijiet soċjali fin-Nadur: Child Day Care Centre, Night Shelter għall-anzjani u social housing. Il-Kunsill diġa jgħin f'dawn permezz ta' child day care centre fix-xhur tas-sajf (għat-tfal ta' bejn l-eta ta' 3 snin u 5 snin) u jipprovdi day centre għall-anzjani darbtejn fil-ġimgħa. Fin-Nadur hemm potenzjal biex isiru faċilitajiet ta' Child Day Care Centre peress li l-Kunsill akkwista propjeta għal dan il-għan. F'dan iċ-ċentru għandu ikun hemm faċilitajiet sabiex jingħataw ukoll servizzi ta' psychologists, korsijiet, eċċ. Fin-Nadur hemm potenzjal ukoll biex issir night shelter għall-anzjani peress li l-parroċċa għandha propjeta li tista tintuża għal dan il-għan. Il-problema hija

waħda finanzjarja peress li kemm l-Kunsill kif ukoll il-parroċċa m'għandiex fondi biex jwettqu dawn il-proġetti.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15